Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 365/2017

Il-Pulizja

Spettur Carmelo Bartolo

Vs

Alfred Degiorgio

*Omissis*

*Omissis*

Illum 12 ta' Dicembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Alfred Degiorgio, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 541264(M), li flimkien ma' Emanuel Formosa u Mario Cutajar, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) gew akkuzati talli:

1. Fi Triq il-Kanun St. Venera limiti tal-Hamrun fis-26 ta' Ottubru, 2000 ghal habta ta' 12.35pm flimkien ma persuni ohra, ikkommettew serq ta' madwar LM 884,200.00 fi flus kontanti, Maltin u barranin, fuq van tal-Group 4, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jeccedi l-LM100 u tax-xorta tal-haga misruqa;

2. Fi Triq il-Kanun St. Venera limiti tal-Hamrun fis-26 ta' Ottubru, 2000 ghal habta ta' 12.35pm flimkien ma persuni ohra bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazjijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat jarrestaw lill-hati, arrestaw, zammew u / jew ssekwestraw lil xi persuni u cioe' lil Saviour Galea kontra l-volonta' tieghu, jew taw post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew ssekwestrata;

3. Fil-hin li ghamlu d-delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom, armi tan-nar, armi regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' armi regolari;

4. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi huma garrew armi tan-nar u munizzjon minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Minn Triq it-Turisti, l-Qawra fil-lejl ta' bejn it-2 u it-3 ta' Awissu 2000 ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Ford Escort ta' lewn abjad bin-numru tar-registrazzjoni FAE 505, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' John Mary Debono minn Hal Qormi;

6. Minn Triq il-Qawra San Pawl il-Bahar, fil-lejl fil-lejl ta' bejn it-2 u it-3 ta' Awissu 2000 ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Toyota Van ta' lewn abjad bin-numru tar-registrazzjoni AAK 039, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Emanuel Gauci minn San Pawl il-Bahar;

7. Minn Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar fil-lejl ta' bejn is-6 u is-7 ta' Settembru, 2000 ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Hyundai ta' lewn il-fidda bin-numru tar-registrazzjoni EAK 502, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Costantino Borg minn B' Kara u / jew terzi persuni;

8. Fid-29 ta' Ottubru 2000 u fix-xahar ta' qabel f' Wied is-Sewda, Haz-Zebbug f' hin mhux maghruf, volontarjament hassru ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli f' vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni FAE 505 ghad-dannu ta' John Mary Debono liema hsara tiskorri s-somma ta' LM500;

9. Fix-xhur ta' qabel is-26 ta' Ottubru 2000, f' diversi lokalitajiet f' hin mhux maghruf volontarjament hassru ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' f' zewg vetturi tal-ghamla Toyota u Hyundai bin numru tar-registrazzjoni AAK 039 ghad-dannu ta' Emanuel Gauci u EAK 502 ghad-dannu ta' Costantino Borg u / jew terzi persuni liema hsara ma tiskorrix s-somma ta' LM500 u dan ghad-dannu tal-imsemmija sidien;

10. Lil Emanuel Formosa wahdu talli fl-istess data, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Furjana filghaxija halef falz quddiem magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b' ligi li jaghti l-gurament;

11. Lil Mario Cutajar wahdu akkuzat talli fl-istess zmienijiet u cirkostanzi bhal ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta reat liema reat kellu jissorvelja

biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

12. Kif ukoll talli fil-5 ta' Novembru, 2000 u fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg li jew mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxiehom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 t' Awwissu, 2017, fejn illiberat lill-imputat Emmanuel Formosa stante li l-akkuzi kontra tieghu ma gewx pruvati, sabet lill-akkuzati Mario Cutajar u Alfred Degiorgio hatja izda limitatament ghar-reat ta' ricettazzjoni. Ikkundannat lil kull wiehed minnhom sentejn prigunerija li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 gew sospizi ghal zmien erba' snin mill-lum u dan wara li rat l-Artikolu 334(a), u 279 tal-Kap 9. Rat l-Artikolu 533 tac-citat Kap u ikkundannat l-imsemmija zewg imputati Cutajar u Degiorgio, ghal hlas tal-ispejjes inkorsi f' dawn il-proceduri li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti mahtura fl-istadju tal-proces verbal.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alfred Degiorgio, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Settembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tibdel is-sentenza appellata u dana billi:

1. Tikkonfermaha in kwantu u fejn, u min xhiex, l-esponenti gie liberat; u
2. Thassarha in kwantu sabitu hati tal-imputazzjoni dwar ricettazzjoni; u
3. Thassarha in kwantu l-piena mposta fuqu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

## A. <u>Dwar ir-reat ta' Ricettazzjoni</u>

Illi l-artikolu 334 ( a ) tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

*"334. Kull min f' Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan isir f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li jkun, jindaħal biex ibigħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati -*

*( a ) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-ħaġa"*

Il-gurisprudenza tghallem li l-elementi li ghandhom jigi ppruvati in sostenn tar-reat ta' ricetazzjoni huma s-segwenti:

1. L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex biegh jew imexxi oggett li huwa effetivament misruq, miksub b' qerq jew akkwistat b' xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, u
2. Tali serq, akkwist b' qerq jew akkwist iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe' mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricetazzjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet, <u>' Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima' </u>, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Ottubru 2002 ( per S.T.O. Prim Imhallef Emeritus V De Gaetano ) dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat intqal hekk:

**"L-element materjali tar-reat ta' ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett ( hu x' inhu l-oggett ), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub b' qerq jew akkwistat b' xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi...."**

L-istess Qorti tikkwota l-gurista Francesco Antolisei li jghid:

**"Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l' esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza… Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato ( si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto ), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato… [ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima**

**non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l' autore."**[1]

*In oltre* Manzini jghallem illi:

**"Poiche' il denaro o le cose, che possono essere ogetto del delitto di ricettazione, debbono provenire da un delitto, ne segue che non puo' esservi ricettazione <u>senza che il fatto si riconnetta</u> [enfasi tal-esponenti] ad un delitto anteriore."**[2]

Fid-dawl tal-premess, l-esponenti umilment jissottometti, bir-rispett, illi fil-kaz mertu ta' dan l-umli appell, il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib mqar prova ammissibbli, [u lanqas ma tefghet xi prova inammissibbli in atti], wahda li hija wahda fil-konfront tal-appellant li permezz taghha tipprova illi:

a. Il-flus misjuba fid-dar tal-ko-imputat Cutajar kienu effettivament misruqin; kif ukoll li
b. Jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss tali flus kienu misruqin, li tali flus kienu l-istess flus li nsterqu nhar is-26 ta' Ottubru, 2000 fil-hold-up fuq il-cash van tal-Group 4.

Ghaldaqstant permezz ta' dan l-umli appell, l-esponenti qieghed jikkontendi illi ma ngabitx prova sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-flus illi nstabu gewwa l-borza illi fuqha suppost instabet impronta wahda tal-esponenti, huma l-istess flus illi nsterqu minn fuq il-vann tal-Group 4 nhar is-26 ta' Ottubru, 2000.

Konsegwentament, fin-nuqqas ta' tali prova, awtomatikament huwa nieqes ukoll l-element materjali li l-oggett akkwistat kien effettivament misruq. Dan l-element materjali huwa *sine qua non* ghar-reat ta' ricetazzjoni, u fin-nuqqas, bir-rispett, qatt ma setghet tinstab htija.

Fil-kaz odjern, bir-rispett jintqal li l-Ewwel Qorti assumiet *a bocca baciata* li l-flejjes misjuba kienu gejjin mis-serqa. Ghamlet ezercizzju li ma jsibx postu fi proceduri kriminali, izda ghamlet ezercizzju li huwa aktar konsoni mal-ezercizzju tal-fidi maghrufa bhala *prestet fidei supplimentum* , fejn imliet il-vojt bil-"fidi" li l-flejjes kien proprju dawk gejjin mill-cash van.

Bir-rispett jintqal li l-ewwel Qorti naqset ukoll milli tgharraf jigi mghallem a fol. 916 tal-ktieb Trattato di Diritto Penale Italiano di Vincenzo Manzini, Volume Nono, fejn hemm issir referenza ghat-taghlim ta' Pascasio[3]:

**"Non occorre che il delitto anteriore sia anteriore sia' stato giudizialmente accertato nella persona degli autori, ne che consti l' identita' della persona offesa, ma e' sufficiente l' accertamento della provenienza delittuosa delle cose ricevute e la consapevolezza di tale provenienza"**

---

[1] Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I, Giuffre' ( Milano ), 1986 fol. 358
[2] Trattato di Diritto Penale Italiano di Vincenzo Manzini, Volume Nono, Fol. 914
[3] ( Riv. Pen., 19049, II, 109 )

Ghaldaqstant a bazi ta' dan it-taghlim, apparti l-fatt illi sabiex l-esponenti setgha jinstab hati tar-reat ta' ricettazzjoni, il-Prosekuzzjoni kellha l-mhux biss l-obbligu legali li tipprova li l-flus misjuba gewwa l-borza li fuqha allegatament instabet l-impronta tal-esponenti kienu l-istess flus li nsterqu fis-serqa minn fuq il-vann tal-Group 4, **izda kellha UKOLL l-obbligu legali** li tipprova li Degiorgio kien konsapevoli tal-provenjenza llecita ta' tali flejjes.

Tifli kemm tifli l-atti processwali, tali konsapevolezza tal-appellant ma temergi minn imkien.

Ghalhekk, l-esponenti jikkonkludi li fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet kollha, l-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett, ma setghet qatt ragjonevolment u legittamement tasal ghall-konkluzjoni li l-appellant huwa hati tar-reat ta' ricettazzjoni.

Dan l-aggravju wahdu, jikkontendi l-esponenti huwa bizzejjed sabiex jrendi s-sentenza moghtija mil-Ewwel Qorti bhala wahda li ma hijiex *safe and satisfactory for confirmation upon appeal.*

## B. Dwar l-Inkjesta Magisterjali, il-*Fingerprint* u l-livell tal-prova

Dan l-aggravju qieghed jingab il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti u jittratta numru konsiderevoli ta' nuqqasijiet legali u fattwali lkoll marbuta mal-gbir, preservazzjoni u nterpretazzjoni tal-"provi" in konnessjoni mal-finger print.

Dan l-aggravju sejjer jigi maqsum f' numru ta' subtitoli sabiex kull ilment jkun mgharbul l-ewwel fl-isfond wahdani tieghu u b' hekk jkun jista` jigi mifhum ahjar il-komplessita ` ta' dan l-aggravju.

Ghandu jigi nnotat ukoll li l-esponenti kien diga gab dawk kollu li ser jsegwi a formali konjizzjoni tal-Ewwel Qorti, madanakollu, imkien fis-sentenza ma hemm xi riferenza dwar is-segwenti ilmenti jekk kienux qedghin jigu skartati, mwarrba jew xort' ohra, ghajr referenza brevi dwar il-validita` legali tal-konkluzzjonijiet ta' l-espert Joseph Mallia u r-risultat ta' Ghilhooley. g

### B.1 Dwar l-irwol tal-Magistrat inkwirenti fl-inkjesta magisterjali

### B.1.a Dwar l-Access fuq il-post tar-reat

*In linea* generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mil-ligi, jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u jzomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi l-*proces verbal.* Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment

fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti jew indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bhala pertinenti ghar-reat in kwistjoni.

Dan il-hsieb legali jemergi mill-artikolu 546 (1) tal-Kodici Kriminali li jistipula: *"Bla hsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li jigu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li jista' jinghata l-piena ta' prigunerija ghal izjed minn tliet snin, u jekk is-suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezisti, ghandu jigi deskritt l-istat tieghu, bid-dettalji kollha wiehed wiehed, u ghandu jigi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jgib l-effett. Ghall-finijiet ta' kull investigazzjoni bhal din, ghandu jsir access fuq il-post.*

*Di piu'* l-artikolu 546(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"Meta r-reat li ghandu jigi investigat ikun serq, li ma jkunx serq bi vjolenza kontra l-persuna, il-Magistrat jista' minflok li jaghmel access fuq il-post, jordna lil ufficjal tal-Pulizija mhux taht il-grad ta' spettur biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti, u l-ufficjal hekk mahtur u kull fotografu jew espert iehor li jkunu qed jghinuh ghandhom jixhdu fl-inkjesta fuq il-fatti investigati u stabbiliti minnhom u ghandhom jipproducu r-ritratti kollha li jkunu ttiehdu u l-oggetti jew id-dokumenti l-ohra kollha li jkunu rilevanti ghall-investigazzjoni taghhom."*

Illi fid-dawl tal-artikolu 262 tal-Kodici Kriminali:

*"( 1 ) Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza" -*

*( a ) meta jsir flimkien ma' omicidju, ma' offiza fuq ilpersuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omicidju, jew ta' offiza fuq il-persuna jew ta' hsara fil-proprjetà;*

*( b ) meta l-halliel jipprezenta ruhu armat, jew meta l-hallelin, ghad li ma jkunux armati, jipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn;…"*

Ghaldaqstant tenut kont kemm tal-artikolu 546(3) kif ukoll tal-artikolu 262(1), it-tnejn tal-Kodici Kriminali, stante li r-reat in kwistjoni kien jinvolvi serq aggravat bi vjolenza, <u>il-Magistrat kellu l-obbligu u d-dmir legali li jaghmel access in persona fuq il-post tar-reat.</u>

Fil-kaz *de quo* minn imkien ma jirrizulta li l-Magistrat Inkwirenti mar fuq il-post fejn sehh il-*hold up, ossia* f' Santa Venera, kif ukoll fil-post fejn instabet ammont sustanzjali tar-*res furtiva, ossia* Birzebbugia gewwa d-dar ta' l-ko-imputat Cutajar. Minflok ghamel dan l-access hekk kif titlob il-ligi, il-Magistrat Inkwirenti nnomina lil Perit Richard Aquilina sabiex l-access jaghmlu huwa.

Ghaldaqstant a bazi tas-su espost kollu, fl-umli fehma tal-esponenti, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tiddikjara illi dak kollu li rrizulta waqt access monk u difettuz legalment huwa inammissibbli stante li ma ghandu l-ebda effett u sahha legali a bazi tal-principju *' quod nullum est, nullum produciet effectum'* .

**B.1.b Dwar ir-relazzjoni ta' Dr. Veronica Aquilina**

Minghajr pregudizzju ghas-su espost u fid-dawl ta' dak sottomess fil-punt precedenti, *ossia* punt numru B.1.a, l-appellant jikkontendi illi l-hatra ta' Dr. Veronica Aquilina sabiex tisma' x-xhieda bil-fakulta' li tamministra gurament ma kienetx wahda legalment possibbli stante li kien l-irwol tal-Magistrat Inkwirenti li legalment kellu d-dmir u l-obbligu li jaccedi fuq il-post u li jisma' x-xhieda taht gurament.

L-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Omissis' [4], fejn il-Qorti f' sitwazzjoni simili, kellha l-opportunita' li tishaqq:

**Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda nuqqas ta' tharis ta' l-artikoli 546, 548 u 646 tal-Kodici Kriminali. L-appellant jibda' biex jghid li x-xhieda Francesco Camilleri, Lee Cortis u Stephanie Cortis, ghalkemm kienu xehdu darbtejn u cioe' l-ewwel darba fl-inkjesta quddiem il-perit nominat mill-Qorti, Dr. S. Filletti w darba fl-istruttorja fil-process kontra Costantino Felice u Clint Zammit, qatt ma xehdu viva voce quddiem l-Ewwel Qorti f' din il-kawza. Inoltre l-hatra ta' Dr. Filletti da parti tal-Magistrat Inkwirenti biex hu jiehu x-xiehda ta' dawn il-persuni bil-gurament ma kienetx taqa' taht ir-rwol ta' perit tekniku izda tal-Magistrat Inkwirenti li jkun qed imexxi l-inkjesta skont l-artikolu 546 ( 3 ) tal-Kodici Kriminali.**

**Dan is-subartikolu hu intiz biex jillimita l-poteri tal-Magistrat Inkwirenti milli jiddelega ufficjal tal-Pulizija biex izomm l-access biex jistabilixxi l-fatti rilevanti. L-appellant ghandu ragun li l-Magistrat Inkwirenti f' dan l-kaz – trattandosi ta' serq bi vjolenza kontra l-persuna - ma setax minflok jaghmel access fuq il-post, jordna lill-Ufficjal tal-Pulizija mhux taht il-grad ta' spettur biex jistabilixxi l-fatti rilevanti, kif ghamel meta nnomina lill-istess Spettur tal-Pulizija Carlo Ellul sabiex izomm access minnufih u jistabilixxi l-fatti rilevanti w jirrelata bil-miktub.**

**Peress li dan ma setax isir, kien skorrett ukoll il-Magistrat Inkwirenti meta nnomina:-**

**"biex jassisti lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-access, lil Dr. Strefano Filletti bhala espert tekniku sabiex jaghmel stima ta' l-oggetti jew hsarat in kwistjoni u sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xhieda [recte; "xiehda"] taghhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti."(emfasi ta' din il-Qorti )**

**Issa huwa minnu li l-artikolu 549(3) jiddisponi li x-xiehda tax-xhieda mismugha fl-access ghandha tigi imdahhla wkoll fil-process verbal u skont is-subartikolu (4) din ix-xiehda ghandha tittiehed bil-mod li tittiehed ix-xiehda li jinsemghu mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti istruttorja w ghandha l-istess effett, pero' , in vista' ta' dak li jipprovdi l-artikolu 550, u cioe' li tali xhieda jistghu jingiebu quddiem il-Qorti Istruttorja fuq talba tal-Pulizija, mill-Avukat Generali w mill-persuna mixlija biex jixhdu viva voce,**

[4] Deciza nhar il-21 ta' Jannar, 2010 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

**u dan ma sarx, din il-Qorti tqis li in vista' tal-irregolarita' tan-nomina ta' Dr. Filletti biex jassisti lill-Ispettur kif fuq intqal, ladarba dawn ix-xhieda ma gewx prodotti biex jixhdu viva voce f' dan il-process, dawn m' ghandhomx ikunu ammissibbli."**

Jigi mfakkar ukoll illi fin-nomina generali (a fol. 72 et. Seq. tal-Process Verbal ) jidher li Dr. Veronica Aquilina giet appuntata bhala "Espert Legali", minn liema nomina ma jirrizultax li Dr. Aquilina nghatat il-fakolta' li tisma' x-xhieda bil-gurament, u dana minkejja li meta nghalaq il-Process Verbal inghad is-segwenti: *"Fuq tali rapport, l-Magistrat sottofirmat ordna li ssir inkjesta fuq il-post fejn sehh il-hold-up. Ghalhekk innomina lil […] Dr. Veronica Aquilina bhala Espert Legali biex tirrelata dwar il-kaz fuq imsemmi u dan wara li tisma' x-xhieda bil-fakulta' li tamministra l-gurament"*

Illi l-appellant jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Grazio Sammut et deciza fit-28 ta' Novembru 2013 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

**"Jinghad fil-bidu nett li dina mhijiex l-ewwel darba illi din il-Qorti qed tigi nfaccata b' sitwazzjoni bhal din fejn nuqqas ta' attenzjoni minn naha tal-Magistrat fid-digriet ta' nomina ta' espert iwassal ghal konsegwenzi serji illi jaffettwa l-process gudizzjarju kollu. Il-Magistrati jridu jifhmu kemm huwa mportanti li jkunu precizi fin-nomini taghhom u liema espert ghandu l-fakulta' illi jiehu x-xhieda bil-gurament u liema m' ghandux. Peress illi l-Ligi stess tezigi illi l-espert ghandu jkollu t-tali fakulta' specifikament imsemmija fin-nomina tal-hatra. Issa fil-kaz tas-Scene of the Crime Officers il-fakulta' li jisimghu x-xhieda bil-gurament hija ntrinsika fin-nomina taghhom u f' dawn il-kaz il- Magistrat m' ghandux ghalfejn kull darba jnizzel illi l-esperti mahtura qeghdin ikunu wkoll moghtija l-fakulta' jisimghu x-xhieda bil-gurament. F' kazijiet ohra pero' din l-awtorizazzjoni ma tistax tigi prezunta u trid tirrizulta mill-Atti. F' dan il-kaz sfortunatament, lapsus calami jew mhux, it-tekniku John Sacco ma giex moghti l-fakulta' illi jisma' x-xhieda bil-gurament."**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ' Ir-Repubblika ta' Malta vs Jason Calleja' [5] sostniet:
**"S' intendi, certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bil-fors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficju tieghu, f' diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f' kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il-mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju r-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li prima facie ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat. Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, c- cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx**

[5] Deciza nhar it-3 ta' Lulju, 1997 per Onor. Prim Imhallef J. Said Pullicino, Onor. Imhallef C. A. Agius u onor. Imhallef N. Arrigo

**provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi nvestigat ulterjorment jew addirittura akkuzat.** " ( sottolinear tal-esponenti )

Ghalkemm id-duttrina tal-qrati taghhna hija cara u tonda, *ossia* li huwa l-Magistrat Inkwirenti u hadd iktar li ghandu jasal ghall-konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi li jippuntaw lejn xi hadd partikolari, Dr Veronica Aquilina fir-relazzjoni taghha f' diversi stanzi tikteb:

a. "L-esponenti tissottometti umilment li ghandhom jittiehdu l-istess proceduri kriminali kontra Alfred Degiorgio… minhabba l-involviment li huma kellhom fis-serqa tas-26 ta' Ottubru, 2000…"[6]
b. "B' dan pero li proceduri kriminali ghandhom ukoll jittiehdu: kontra kull wiehed minnhom talli fl-istess hin u fl-istess jum imsemmija, ghamel jew xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esploziva…"[7]
c. "Kontra Alfred Degiorgio u Joseph Grech talli fl-istess data u jum imsemmija huma xjentement laqghu ghandhom karozza misruqa… kontra d-disposizzjonijiet tal-art. 334 tal-Kodici Kriminali…"[8]
d. "L-esponenti tissottometti li hemm ksur tal-Artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta"
e. "…ir-reat ta' serq hu wkoll ikkwalifikat permezz tal-mezz ai termini tas-subart. 263 ( b ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Fid-dawl tas-su espost kollu, l-esponenti jaghmel referenza ghal dak li sostniet il-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Joseph Grech et.' [9]:
**"Illi, tenut kont ta' dan, hija din il-Qorti BISS li ghandha tiddeciedi jekk l-imputati humiex hatja jew le tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom"**

Ghal kull buon fini jigi mfakkar l-artikolu 546 ( 3 ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*Meta r-reat li ghandu jigi investigat ikun serq, li ma jkunx serq bi vjolenza kontra l-persuna, il-Magistrat jista' minflok li jaghmel access fuq il-post, jordna lil ufficjal tal-Pulizija mhux taht il-grad ta' spettur biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti, u l-ufficjal hekk mahtur u kull fotografu jew espert iehor li jkunu qed jghinuh ghandhom jixhdu fl-inkjesta fuq il-fatti investigati u stabbiliti minnhom u ghandhom jipproducu r-ritratti kollha li jkunu ttiehdu u l-oggetti jew id-dokumenti l-ohra kollha li jkunu rilevanti ghall-investigazzjoni taghhom.*"

B' hekk stante li l-hatra ta' Dr. Aquilina hija bi vjolazzjoni tal-ligi, dak kollu minnha riskontrat ma ghandu l-ebda sahha legali. B' dan ifisser li dak kollu li sar minn Dr. Veronica Aquilina ma huwiex legalment korrett stante l-

[6] Vide fol. 36 tar-Relazzjoni VA
[7] Ibid.
[8] Vide fol. 37 tar-Relazzjoni VA
[9] Deciza nhar id-19 ta' Ottubru, 2016 per Mag. N. Camilleri

applikazzjoni tal-principju *quod nullum est, nullum producit effectum.* B' hekk dak kollu li kkonkludiet Dr. Aquilina huwa *ex lege* null *ab initio.*

B.2 **Dwar l-elevar u l-komparazzjoni tal-impronti digitali**

**B.2.a L-inammissabbilita' tar-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia**

Minghajr pregudizzju ghas-su espost, fil-kaz odjern, PS 673 Joseph Mallia gie mqabbad sabiex jaghmel ezami komparattiv tal-impronti digitali minn fuq lifters jew ritratti u jqabbilhom mas-swaba' ta' sitt suspettati. Madanakollu, stante li huwa kien fiz-zmien in kwistjoni, membru fil-Korp tal-Pulizija u li sahansitra ppartecipa fl-investigazzjoni tal-kaz *de quo,* l-esponenti jikkontendi tali relazzjoni ppreparata minn Mallia ma tistax titqies bhala prova ammissibbli u li tali hatra qatt ma setghet legalment issir. Stante li dan il-punt, fl-umli fehma tal-esponenti huwa pjuttost car, huwa ma huwiex ser jiddilunga dwar l-istess, izda jaghmel referenza fost l-ohrajn, ghas-sentenza deciza nhar it-22 ta' Mejju, 1991 mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija fejn intqal:

**"min-naha l-ohra ma hemmx dubju li ufficjal tal-pulizija huwa subaltern tal-Kummissarju tal-Pulizija li huwa l-parti kuntrarja fil-process kriminali, u li huwa direttament responsabbli ghat-tmexxija tal-prosekuzzjoni. Hu veru illi bin-nomina taghhom, il-persuni nominate ma jibqghux periti ex parte, la tal-prosekuzzjoni u lanqas tad-difiza, imma jsiru esperti tal-Qorti. Pero' , fid-dawl tal-principju – kultant abbuzat – li l-gustizzja mhux biss ghandha ssir, imma ghandha wkoll tidher li qed issir – din il-Qorti jidhrilha li mhux konducenti ghal smiegh xieraq li jigu nominati fil-proceduri Kriminali esperti li mhux biss ghandhom konnessjoni mill-qrib mal-prosekuzzjoni, imma fil-fatt huma dipendenti taghha;**

**Il-Qorti ma tistax ma tirriflettix ukoll fuq ic-cirkustanzi, anki ricenti, fejn gew allegati u pruvati rregolaritajiet mill-aktar serji waqt investigazzjonijiet mill-pulizija, li wkoll wasslu ghal proceduri kriminali minnhom kontra persuni, anke fil-konsapevolezza tal-innocenza taghhom, stabbilita wara mill-Qrati. Dan jirrendi ghalhekk impellenti ghal "fair trial" li l-esperti nominati mill-Qorti, ikunu kompletament indipendenti minn influwenzi ta' xi parti jew ohra fil-kawza"**

Ghalkemm tali relazzjoni ma hiex wahda ammissibbli u skont il-ligi, madanakollu jidher bic-car illi tali relazzjoni kienet ikkunsidrata u meqjusa bhala prova ammissibbli mill-Ewwel Onorabbli Qorti tant hu hekk illi a fol. 3 tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti taghmel referenza ghar-relazzjoni ta' PS673 Joseph Mallia. Bir-rispett kollu, pero' fl-umli fehma tal-appellanti tali referenza ma setghet qatt issir stante li tali relazzjoni mhiex wahda ammissibbli u skont il-ligi. Ghaldaqstant, a bazi tas-su espost kollu, tali relazzjoni ma kellha tinghata l-ebda widen u valur ai fini ta' sejbien tal-htija.

**B.2.b Generali Dwar *finger prints* u l-ligi tal-evidenza**

Dan il-punt qieghed jingieb il-quddiem minghajr ebda pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Illi kif inhu nnotat fis-sentenza appellata[10], l-appellanti nstab hat a bazi tas-"sejba tal-impronta komparata posittivament mas-saba xellugi l-kbir tal-imputat." Tali impronta nstabet fuq borza li go fiha nstabu parti mill-flus allegatament misruqa fejn allegatament tali impronta suppost qablet ma' wiehed mis-swaba' tal-esponenti.

Madanakollu, meta wiehed janalizza profondament l-atti processwali kollha, wiehed jinnota illi kemm il-process tal-elevar ta' tali impronta kif ukoll l-ezami ta' komparazzjoni tal-istess impronta huma mifnijin b' diversi nuqqasijiet li indubbjament joholqu dubju ragonevoli dwar:

1. Jekk gietx elevata xi forma ta' impronta
2. min fejn giet elevata u
3. jekk kinitx verament tikkorrispondi ma' wiehed mis-swaba' tal-esponenti.

Huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu diretti kif ukoll indizjali. Madanakollu meta dawn ikunu provi indizzjali, ikun jehtieg li dawn ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u b' tali mod li jkunu sufficjenti ghall-konvinciment morali li ma jhalli l-ebda lok ghal xi dubju ragonevoli.[11]

*Di piu'* il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs Jason Lee Borg et."[12] sostniet li:

**'Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghall-konkluzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompattibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu."**

*In oltre* il-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Victor Gatt' [13], sostniet li ghalkemm il-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet is-serqa; **madanakollu dan fih innifsu ma jfisser xejn u huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whiskey u xejn aktar.**

[10] Vide fol. 3 u 4 tas-sentenza appellata

[11] "Il-Pulizija vs Carmelo Calleja" deciza nhar is-7 ta' Mejju, 2010 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef M. Mallia

[12] Deciza nhar il-15 ta' Gunju,1998

[13] Deciza nhar is-27 ta' Mejju, 1999

Huwa l-istess f' dan il-kaz (accettando ai fini ta' argument li l-prova hija valida). **Il-fingerprint misjuba tfisser biss li semmai xi darba l-esponenti miss il-borza, u xejn aktar.**

F' dan il-kaz ghandna sitwazzjoni fejn ghax suppost instabet *fingerprint* tal-appellant fuq borza li nstabet fil-proprjeta' tal-ko-imputat Cutajar u li go fiha allegatament instabu parti mill-flus misruqa, mela allura nsibu lill-appellant hati tar-reat ta' ricetazzjoni flimkien mal-ko-imputat Cutajar.

Bir-rispett kollu, dan ir-ragunar ma jaghmel l-ebda sens, specjalment fid-dawl tal-fatt li ma tezisti l-ebda prova ohra li tikkorrabora tali konkluzjoni.

Kieku kellna naddottaw dan ir-ragunar, kieku dan kien ifisser Ii kull persuna trid toqghod b' seba' ghajnejn fejn tmiss u ma tmissx ghaliex jekk ma taghmilx dan, facilment tista' ssib ruhha fl-inkwiet mal-Pulizija u mal-Ligi.

Frederick Leatherman, Professor tal-Ligi, jghallem illi:

**"We are more aware today of the necessity to protect the integrity of the evidence because of the unique sensitivity and ability of DNA testing to identify the specific human source of trace amounts of blood evidence invisible to the human eye. Jurors and defendants have a right to expect that police and prosecutors will protect the integrity of the evidence at all times when it is within their possession, custody or control. Defense counsel have a duty to their clients to examine the evidence before trial and review all of the documentation regarding who handled it and where it has been since it was seized.**

**A reasonable doubt that a defendant committed the crime charged can arise from the evidence or lack of evidence. If the evidence in a case appears to have been tampered with or its papers are not in order, I would expect the defense attorney to argue that an acquittal is appropriate."[14]**

Brezinski u Killalea fil-linji gwida ' *Guidelines for Evidence Collection and Archiving'* [15] jiktbu:

**"3.1 Transparency - The methods used to collect evidence should be transparent and reproducible….**

**4.1 Chain of Custody - You should be able to clearly describe how the evidence was found, how it was handled and everything that happened to it. The following need to be documented**

**- Where, when, and by whom was the evidence discovered and collected.**

**- Where, when and by whom was the evidence handled or examined.**

**- Who had custody of the evidence, during what period. How was it stored.**

[14] https://frederickleatherman.com/2012/09/04/zimmerman-importance-of-the-chain-of-custody/
[15] https://www.rfc-editor.org/rfc/rfc3227.txt

**- When the evidence changed custody, when and how did the transfer occur ( include shipping numbers, etc. ).”**

Fid-dawl tas-su espost, issa wiehed irid necessarjament jara jekk tali ligi ta’ evidenza gietx segwita fil-kaz odjern. Minn issa l-appellant jiddikjara li dan ma huwiex il-kaz fil-proceduri odjerni.

**B.2.c L-impronta ta’ min hi? Tal-esponenti jew ta’ George Frendo?**

L-espert PC 659 Jeffrey Hughes a fol. 15 tar-relazzjoni tieghu jinnota illi, **“fuq il-borza vojta ta’ lewn ahmar u abjad b’ xi kliem bhal “TIP TOES SHOE STORES” fuqha, b’ spaga ta’ lewn ahmar li kien mdahhal fil-parti ta’ fuq tal-istess borza w li gie dokumentat bhala dok 00 CZE 209 gew zvillupati tnax-il impronta. Dawn gew dokumentati minn dok 00 CZE SG 1 sa 00 CZE SG 12”**

Sussegwentament, jehtieg issir referenza ghar-relazzjoni tal-espert PS673 Joseph Mallia fejn dan l-espert gie mqabbad sabiex jaghmel ezami komparattiv tal-impronti digitali. A fol. 16 ta’ din ir-relazzjoni Mallia jikteb,

**“illi l-esponent ghamel ezami komparattiv bejn id-dokument 00 CZE SG 1 u d-dokumenti… u PGPP 6 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta’ Alfred Degiorgio numru tal-karta tal-identita’ 541264(M) u rrizulta illi din l-impronta taqbel mas-saba’ l-kbir tal-id ix-xellugija ta’ Alfred Degiorgio numru tal-karta tal-identita’ 541264 (M) u li joqghod 45, Triq il-Kappuccini l-Marsa dokument PGFP 6.”**

Madanakollu meta a fol. 17 tal-istess relazzjoni ssir referenza ghall-faxxikolu fotografiku f’ punt numru F.1 tal-istess espert forensiku PS 673 Joseph Mallia jikteb li qieghda ssir referenza ghall-“foto kopja tal-formola tal-impronti digitali dokument PGFP 1 ta’ Alfred Degiorgio numru tal-karta tal-identita 541264 ( M ) u li joqghod numru 45, Triq il-Kappuccini Marsa.”

Mela jekk il-formola PGFP 6 hija ta’ Alfred Degiorgio, il-formola PGFP 1 ta’ min hi??

Skont ir-relazzjoni tal-istess espert, din il-formola PGFP 1 hija ta’ George Frendo.

Fil-fatt il-formola PGFP 1 ma ghandix l-impronti digitali ta’ Alfred Degiorgio. Il-formola PGFP 1 hija ta’ certu George Frendo.[16]

[16] Ghandu jigi mfakkar illi George Frendo kien investigat ukoll mill-Pulizija in konnessjoni mal-kaz odjern, madanakollu baqghu ma ttiehdu l-ebda proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Di piu’ l-esperta Dr. Veronica Aquilina stess, l-esperta mahtura mill-Magistrat Inkwirenti, a fol. 36 tar-relazzjoni taghha, issottomettiet illi ghandhom jittiehdu “proceduri kriminali ukoll kontra Alfred Degiorgio, George Frendo u Joseph Grech minhabba l-involviment li huma kellhom fis-serqa tas-26 ta’ Ottubru, 2000”.

Mela jekk il-formola li min fuqha ttiehdu l-impronti ai fini ta' tqabbil hija ta' George Frendo, kif jista' qatt jintqal li tali *fingerprint* hija tal-esponenti Degiorgio meta hija ta' George Frendo!! [17]

Fi kliem l-awtur Milton: *"confusion, worse confounded."*

**B.2.d Fejn instabet l-impronta? Fuq borza ta' lewn ahmar u abjad b' xi kliem bhal "TIP TOES SHOE STORES" jew fuq borza hamra bic-cavetta mwahhla maghha bil-marka Grupp 4 Securitas?**

Hekk kif PS 673 Joseph Mallia nforma lill-Magistrat Inkwirenti dwar dan il-qbil, il-Magistrat Inkwirenti ordna l-arrest tal-esponenti u dan a bazi tal-fatt "illi l-impronti digitali u cioe is-seba l-kbir ( thumb finger ) tal-id il-leminija tal-esebit PGFP6 ( l-impronti mehuda fuq ordni ta' din il-Qorti u li jappartjenu lill-istess Alfred Degiorgio) jaqbel ma' dak misjub fuq l-ezebit numru 006ZESGQ (Ritratt ta' lifter mehud fuq borza li fiha kienu jingarru l-flus tal-hold up u misjuba mill-Pulizija fil-fond 24, St. George' s Road, B' Bugia )"( sottolinear tal-esponenti )[18]

Ghalkemm PC 659 Jeffrey Hughes a fol. 15 tar-relazzjoni tieghu jinnota illi tali impronta nstabet "fuq il-borza vojta ta' lewn ahmar u abjad b' xi kliem bhal "TIP TOES SHOE STORES" fuqha".

Il-Magistrat Inkwirenti nhar it-12 ta' Novembru, 2000[19], filwaqt li beda jsaqsi lill-esponenti dwar tali borza li fuqha nstabu l-impronti tieghu, ghamel referenza u ta' deskrizzjoni specifika tar-repert li allegatament fuqha instabet il-*print* tal-esponenti u l-Magistrat Grixti taha deskrizzjoni bhala: "borza hamra bic-cavetta mwahhla maghha bil-marka Grupp 4 Securitas."

Dan jpoggina fi kwadru fejn ir-repert li fuqu suppost hemm *fingerprint* tal-esponenti Degiorgio hija jew:

*Option A*: Borza vojta ta' lewn ahmar u abjad bil-kliem Tip Toes Shoe Stores; jew

*Option B:* Borza li fiha kienu jingarru l-flus; jew

*Option C*: Borza hamra b' cavetta mwahhla maghha.

---

17 Fil-fatt Dr. Aquilina bbazat tali konkluzjonijiet fuq ix-xhieda tal-ko-imputat Formosa; tali xhieda huma inammissibbli fil-konfront tal-esponenti. Fil-fatt il-ko-imputat Formosa fl-istqarrija rilaxxata minnu nhar is-7 ta' Novembru, 2000 stqarr illi "Niftakar li xi tmienja jew disgha xhur ilu kont iltqajt ma' certu wiehed George li naf li jghidulu l-Gobon. Naf ukoll li huwa miz-Zurrieq u li ommu toqghod Rose Street, Zurrieq… Dak in-nhar li ltqajt ma' dan George jien kont liebes l-uniformi tax-xoghol bhala ufficjal tal-Group 4. Ma niftakarx jekk kontx sejjer jew gej mix-xoghol pero niftakar li dan George kien qalli "Mela inti ma' tal-Group 4 tahdem?" Meta jiena ghidtlu iva dan staqsieni "meta ha naghmlu serqa?" Sussegwentament fi stqarrija ohra rilaxxata mill-ko-imputat Formosa nhar it-8 ta' Novembru, 2000, Formosa jikkonferma illi George Frendo huwa l-istess persuna illi huwa jirreferi ghalih bhala George il-Gobon u li huwa l-istess persuna li laqghu mal-persuni l-ohra fuq il-gibjun taz-Zurrieq u li mieghu kellu kuntatt kontinwu rigward dan il-hold up.

18 Vide fol. 220 tal-Process Verbal

19 Vide fol. 221 et seq. tal-Process Verbal

Terga' ssir referenza ghal Milton: *"confusion, worse confounded"*

Jeffrey Hughes fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar id-19 ta' Lulju 2016 jikkonferma illi kieku tali impronta giet elevata minn fuq borza hamra bic-cavetta mwahhla maghha u bil-marka Grupp 4 Securitas, huwa ma kienx jiddeskrivi tali borza bhala borza bil-kitba ' Tip Top Shoe Stores'

**B.2.e Il-famuz lifter li suppost huwa tal-esponenti ma jezistix**

Jigi mfakkar illi fil-kaz odjern ghal xi raguni illi hija pjuttost inspjegabbli, kien hemm diversi esperti illi, min ghal raguni u min ghal ohra rrifjutaw milli jaghmlu ezami komparattiv minn fuq il-*lifters* illi l-Prosekuzzjoni sostniet illi elevat. Madanakollu lanqas nistghu nkunu nafu b' certezza illi tali *lifters* gew effettivament elevati stante li dawn qatt ma gew prodotti mill-prosekuzzjoni u ma humiex parti minn dawk l-ezebiti mizmuma mir-Registratur tal-Qrati.

Joseph Bongailas rrifjuta illi jaghmel dan l-ezami komparattiv ghal ragunijiet ta' sahha[20], il-prokuratrici legali Juliana Scerri Ferrante rrifjutat li taghmel dan l-inkarigu "minhabba l-kumplessita' inerenti mat-teknika tal-fotografija"[21] filwaqt li l-esperta Nathalie Zahra wara li pprezentat l-ezami ta' komparazzjoni taghha permezz tar-relazzjoni mmarkata Dok NZ, nhar il-15 ta' Dicembru, 2003 hija sostniet illi r-relazzjoni taghha ghalkemm damet "xhur shah"[22] tahdem fuqha kien "fiha xi inezattezzi."[23]

Ghalkemm Zahra ssosstni illi r-relazzjoni taghha kien fiha xi inezattezzi, waqt il-kontro-ezami taghha ta' nhar id-19 ta' Lulju, 2016, hija naqset milli tinforma lill-Qorti x' kienet verament ir-raguni principali li gghelitha tiddubita minn xogholha u li konsegwentament sabiex tiddikjara li x-xoghol li kienet ghamlet ammont sustanzjali ta' hin tahdem fuqu bhala inpreciz.

Ghalkemm l-appellant jifhem u jemmen li jinsab pregudikat b' tali dikjarazzjoni tal-esperta Zahra stante li ma jistax jibbaza kompletament fuq ir-rizultanti ta' dan l-ezami komparattiv, madanakollu ghall-fini ta' kontroll jehtieg issir referenza ghal din ir-relazzjoni. Fir-rapport taghha Nathalie Zahra wara li ghamlet l-ezamijiet necessarji fuq id-dokumenti illi kien analizza aktar qabel l-"espert" *ex parte* Joseph Mallia ( cioe dok. 00 CZE SG 1A u 00 CZE SG 1B ) **<u>u qablithom ma' dak tal-ko-imputati, rrizultalha illi ma jaqblux ma' dawk tal-esponenti.</u>**

**Madwar hdax-il sena ta' stennija wara**, il-Prosekuzzjoni sabet espert, cioe lil Philip Gilhooley, li kien dispost sabiex ghal darb' ohra jaghmel dan l-ezami ta' komparazzjoni. Philip Gilhooley ghal kuntrarju ta' dak li kkonkludiet Nathalie Zahra, fir-relazzjoni tieghu a fol. 21, jikteb illi l-impronta misjuba fuq dok. 00 CZE SG 1A u CZE SG 1B taqbel ma' wiehed mis-swaba' tal-esponenti.

[20] Vide fol. 218 tal-Process Verbal
[21] Vide fol. 614 tal-Atti Processwali
[22] Vide kontro-ezami ta' Nathalie Zahra ta' nhar id-19 ta' Lulju, 2016
[23] Vide fol. 598 tal-Atti Processwali

*Di piu'* meta wiehed iqabbel ir-relazzjoni u l-ezami maghmul minn Nathalie Zahra u dak li ghamel Philip Gilhooley wiehed jinnota illi ghalkemm iz-zewg esperti ghamlu l-ezamijiet taghhom fuq l-istess 95 dokument, huma qablu fuq 89 u kien hemm nuqqas ta' qbil vis-à-vis sitt dokumenti inkluzi fir-rigward ta' dok. 00 CZE SG 1A u CZE SG 1B. Ghaldaqstant tesizti differenza ta 6.3% bejn iz-zewg relazzjonijiet.[24]

Fid-dawl ta' dawn id-divergenzi kollha jehtieg jigi mfakkar ukoll illi s-sors li minn fuqu qieghed jinghad li gie elevat xi *lifter,* fil-kaz odjern xi forma ta' borza (ghaliex lanqas fuq dan il-punt ma jaqblu l-provi), baqa' qatt ma gie mghoddi lill-esperti ghall-ezami komparattiv. Fil-fatt l-espert Joseph Mallia kemm fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar it-30 ta' Novembru, 2000[25] kif ukoll f' dik ta' nhar id-19 ta' Lulju, 2016 ikkonferma illi:

**"…ma nghatajtx id-dokumenti originali, jigifieri l-oggett minn fejn gew elevati l-fingerprints, ossia l-oggett li jikkorispondi ghall-lifter, la gie muri lili u wisq anqas mghoddi lili."**

Mallia jikkonferma wkoll illi stante li ma kienx hu illi eleva tali impronta, ghaldaqstant kellu **"[j]oqghod fuq l-inkaratament li jkun hemm miktub fuq il-lifter jew inkella fuq ir-ritratt."**

Biex tkompli zzid ma' dawn id-divergenzi kollha, ghalkemm l-espert Mallia kif ukoll Philip Gilhooley, li ' suppost' ghamlu ezami komparattiv ta' dawn l-impronti digitali, jsostnu illi tali impronta illi taqbel ma' dik tal-esponenti nstabet fuq id-dokument immarkat bhala **Dok. 00 CZE SG 1** madanakollu l-Magistrat Inkwirenti a fol. 220 tal-Process Verbal jistipula illi l-impronta tal-esponenti **"[t]aqbel ma dik misjub fuq l-ezebit numru 006ZESGQ."**

Dan in-nuqqas ta' qbil jikkonfermah ukoll l-espert Joseph Mallia stess meta nhar id-19 ta' Lulju, 2016 jsostni illi ma jistax ikun illi tali dokument kien immarkat hekk u anke jekk ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument biss tali dokument kien jezisti, Mallia ikkonferma illi **"kieku kien isemmih fir-rapport tieghu"[26]**

Apparti mill-fatt illi la s-sors li suppost minn fuqu giet elevata l-impronta u wisq anqas n-numru tad-dokument li minn fuqu ttella' l-*lifter* ma jaqblu u li sahansitra l-ebda xhud ma kkonferma illi ra l-borza msemmija mill-Magistrat Inkwirenti jew inkella li gabar xi *lifters* minn fuq tali borza, il-Prosekuzzjoni matul is-sittax-il sena li ilu ghaddej dan il-kaz naqset milli f' xi hin jew iehor tezebixxi r-ritratt tal-*lifter* li fuqu hadmu l-esperti, *ossia* Dok 00 CZE SG 1 skont Joseph Mallia u Philip Gilhooley jew inkella Dok 006ZESGQ skont il-Magistrat

[24] Jigi mfakkar kif l-esperti tal-analizi komparattiv ma jaghmlux hekk a bazi ta' xjenza izda a bazi ta' ezami viziv soggettiv ghalihom.

[25] Vide fol. 84 tal-atti processwali

[26] Vide Deposizzjoni ta' Joseph Mallia ta' nhar id-19 ta' Lulju,2016

Inkwirenti. Fil-fatt fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet kollha, l-esponenti inkariga lid-difensur tieghu sabiex titfittex fizikament tali *lifter* fost l-esebiti.

Tali ezercizzju sar taht is-supervizzjoni tad-Deputat Registratur u s-sotto iffirmat jikkonferma li l-*lifter* li suppost analizza Philip Gilhooley u li suppost juri impronta digitali tal-esponenti MA JEZISTIX.

**B.2.f L-Influenzar tal-espert forensiku Philip Gilhooley**

Dan il-punt qieghed jitqajjem minghajr pregudizzju ghal dak kollu su espost b' mod specjali ghall-fatt illi tali *lifter* ma jezistix.

L-esponenti jaghmel referenza ghad-digriet moghti mill-ewwel Onorabbli Qorti ta' nhar is-27 ta' Frar, 2013 fejn permezz ta' tali digriet, l-espert Joseph Mallia li fil-kaz *de quo* kellu rwol investigattiv u hejja wkoll rapport inammissibbli (a bazi tal-kariga li huwa kien jokkupa fil-Korp tal-Pulizija fiz-zmien tal-kaz odjern), gie mahtur bhala messaggier bl-inkarigu li jwassal il-*lifters,* inkluz il-*lifter* 00 CZE SG 1A u 00 CZE SG 1B li suppost fuqu instabet l-impronta tal-esponenti jew ta' George Frendo minnu stess, ghall-ezamijiet komparattivi li kellu jaghmel fuqhom l-espert Philip Gilhooley.

Ghalkemm fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-esponenti oggezzjona ghal tali kariga stante li fiz-zmien tal-kaz de *quo* Joseph Mallia, skont id-deposizzjoni tieghu stess nhar is-27 ta' Frar, 2013[27] jixhed illi "dak iz-zmien kont surgent in charge mill-*fingerprint sections* u kont immur fuq *scenes of crime*" kif ukoll a bazi tal-fatt illi l-espert Joseph Mallia ma seta' qatt jitqies bhala persuna imparzjali u idoneja sabiex ghal fini ta' sigurta' , kontinwita' ta' trasferiment ta' evidenza u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja twassal personalment id-dokumenti bil-marka tas-swaba' u dan tenut kont tal-fatt illi l-istess Mallia kien diga ghamel tali ezercizzju hu stess.

Minghajr ebda dubju, u kif fuq kollox jikkonferma Mallia stess wara li mar personalment gewwa l-Ingilterra u qeda l-inkarigu mghoti lilu, *ossia* li jwassal tali dokumenti lil Philip Gilhooley, xi forma ta' kuntatt bejn Gilhooley u Mallia kien hemm zgur. Probabbilment, aktarx iva milli le, tenut kont tal-fatt illi l-inkarigu ta' Gilhooley kien li jaghmel l-istess ezami komparattiv li kien ghamel Mallia stess hdax-il sena qabel, waqt din il-komunikazzjoni sar ukoll xi kliem dwar ir-rizultanzi li jemergu mir-rapport ta' Mallia, cioe' li wahda mill-impronti taqbel ma' wiehed mis-swaba' tal-esponenti.

Fid-dawl ta' tali inkontri u komunikazzjoni, kif jista' wiehed ikun legalment u ragonevolment cert illi Gilhooley ma kienx influenzat mir-rizultanzi li jemergu mir-rapport ta' Mallia meta Mallia kien l-uniku wiehed li sab impronta wahda li taqbel?

[27] Vide fol. 1019 et. Seq. tal-Atti Processwali

Ghaldaqstant, meta wiehed jifli b' reqqa l-atti processwali kollha, wiehed jinnota illi l-istess persuna, *ossia* Joseph Mallia serva diversi inkarigi u cioe' :

a. Kellu x' jaqsam mil-lat investigattiv stante li kien jifforma parti mill-korp tal-Pulizija;
b. Kellu x' jaqsam mill-aspett forensiku u jaghmel ezami komparattiv fuq *lifters* li baqghu qatt ma gew prodotti u jhejji rapport fuq tali ezami; kif ukoll
c. Li jwassal tali *lifters* gewwa l-Ingilterra sabiex ikun jista' jaghmel l-istess ezercizzju Philip Gilholley,

u certament waqt il-qadi ta' tali inkarigi kellhu jaghmel diversi komunikazzjonijiet. Min-naha l-ohra, lil Nathalie Zahra, li kienet l-unika esperta li ma qablitx mar-rizultanzi li jemergu mir-rapport ta' Joseph Mallia kif ukoll minn dawk ta' Gilhooley hadd qatt ma kellimha u avvicinaha kif kienet waslet ghal tali konkluzjoni.

Fid-dawl tas-su espost, in sintesi x' jemergi fuq din l-impronta digitali?

1) Ma huwiex car minn fuq xhiex suppost giet elevata l-impronta.
2) L-impronta hija tal-esponenti jew ta' George Frendo?
3) Liema espert ser jitwemmen Zahra jew Gilhooley?
4) Fejn huwa l-*lifter* fizikament ta' din l-impronta??

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-"prova" hija ammissibbli?

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-"prova" hija univoka?

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-"prova' hija prova li ma thalli l-ebda dubju?

Fid-dawl ta' dan kollu, a bazi ta' din il-"prova" l-esponenti kif setgha qatt jinstab hati tar-reat ta' ricetazzjoni?

## B.3 Dwar il-livell ta' provi prodotti

Illi sabiex l-esponenti setgha jinstab hati tar-reat ta' ricetazzjoni, il-Prosekuzzjoni kellha d-dmir legali li tforni lill-Qorti b' evidenza u provi li ma jhallu lok ghall-ebda dubju dettat mir-raguni.

Fil-kaz *de quo,* l-appellanti jsostni illi l-provi migjuba ma jwaslux ghac-certezza morali hekk kif rikjesta mil-ligi. Fl-umli fehma tal-esponenti, l-ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet erronjament li:

a. Il-flus huma parti mir-*res furtiva* u li;
b. Il-*fingerprint* hija tal-esponenti u li;
c. Allura Degiorgio jista' jinstab hati tar-reat ta' ricetazzjoni!

Illi hekk kif sostniet l-Qorti tal-Appell Kriminali[28],

**"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f' post pubbliku jew f' post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall- anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."**

*Di piu'* issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Jonathan Mizzi' , fejn hawnhekk l-unika prova prodotta kienet impronta li nstabet fuq ir-*res furtive*, fejn il-Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Mag. Dr. N. Camilleri ddecidiet li:

**"Illi, fir-rigward tal-kawza odjerna, jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ghalhekk ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali iridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija tal-imputat. Illi fil-verita', madanakollu, fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova ohra li turi illi l-imputat kien prezenti fuq ix-xena tar-reat, ghajr ghal impronti digitali li jistghu jindikaw diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jistghu qatt ikunu prova univoka u ma jistghu qatt iwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.** (sottolinear tal-esponenti)

L-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza moghtija minn dina l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Joseph Grech et' [29] **in konnessjoni mal-fatti mertu ta' dawn il-proceduri kontra ko-imputati ohra, liema imputati gew ddikjarati mhux hatja**. F' dan il-kaz citat, il-Prosekuzzjoni sahqet li l-involviment tal-imputati fil-*hold up* huwa wiehed car tenut kont tal-fatt illi d-DNA tal-imputati nstabet fuq zewg balaklavi li allegatament gew intuzati fis-serqa investigata. Min-naha l-ohra il-Qorti kkonkludiet:

**"Illi l-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputati kellhomx xi involviment f' dak li huma qed jigu akkuzati bih f' dawn il-proceduri, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt jwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.**

**Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet issegwenti:**

[28] Il-Pulizija vs Noel Frendo ta' nhar it-30 ta' Dicembru, 2014 per Onor. Imhallef V. DeGaetano
[29] Deciza nhar id-19 ta' Ottubru, 2016 per Mag. N. Camilleri

**"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemergu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom strahet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li fuq dawk ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u cioe` li l-imputati appellanti huma hatja minghajr dubbju dettat mir-raguni tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom. L-aktar ' il boghod li wiehed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiggeneraw suspett ragonevoli li l-imputati ikkommettew l-ghemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlahaq il-grad gholi ta' prova mehtieg ghas-sejbien ta' htija fil-qasam tad-dritt penali".**

**Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputati humiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat."**

*Di piu'* l-espert forensiku Philip Gilhooley stess a fol.9 tar-rapport tieghu jikteb:

**"There is no known scientific method to accurately age impressions or give a timescale when they were left. Real evidence may exist if somebody actually witnessed somebody touching an article or if the article had recently been cleaned or painted.**

**There may be indications and nothing more whether an impression is fresh or old:**

- **If powder readily adhered to the impression, rather than require persistent powdering.**
- **Was the impression exposed to the elements or was it protected from them**
- **If the impression was in sweat, was it visible before powdering**
- **Even if the above apply, Crime Scene Investigators and Fingerprint Examiners should never attempt to indicate the age of an impression unless they have considerable experience."**

*Di piu'* l-espert tal-impronti digitali PS 659 Hughes fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar id-19 ta' Lulju, 2016 jikkonferma illi:

**"Nizviluppa l-prints, jigifieri nezamina l-oggett li ghandi quddiemi, jitla' l-fingerprint, biss ma nistax naghti enclosure fuq kemm ilu hemmhekk"**[30]

*In oltre* l-espert Joseph Mallia meta mistoqsi jekk jistax jghid meta *fingerprint* tkun tpoggiet fuq l-oggett, jikkonferma illi dan ma jistax jaghmlu ghaliex dan jiddependi minn diversi fatturi fosthom mill-bniedem stess li jkun mess l-oggett in kwistjoni.[31]

---

[30] Vide fol. 4 ta' din id-deposizzjoni
[31] Vide fol. 3 tad-deposizzjoni ta' Joseph Mallia ta' nhar id-19 ta' Lulju, 2016

L-esponenti jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Roderick Gerada' deciza mill-istess Qorti illi ddecidiet il-kaz odjern u fl-istess jum, fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sostniet:

**" … il-Qorti ssibha difficli li fuq impronta digitali wahda, per di piu' , mhux daqstant linejari, li allura ma taghmilx prova univoka, tirritenih responsabbli minghajr dubbju dettat mir-raguni"**

Ghaldaqstant, jemergi bic-car illi fil-kaz odjern l-unika prova ammissibbli li ressqet il-Prosekuzzjoni kienet indizzju cirkostanzjali wiehed u allura certament dan l-indizzju ma jista' jorbot mal-ebda forma ta' evidenza ohra kif ukoll fi illi huwa zgur li din il-prova mhix wahda univoka, specjalment meta tigi kkunsidrata li jezitu dubji ragonevoli fir-rigward ta'

1. Jekk gietx elevata xi forma ta' impronta;
2. Min fejn giet elevata u
3. Jekk tali impronta kinitx verament tikkorrispondi ma' wiehed mis-swaba' tal-esponenti stante li Zahra ma qablitx mal-esperti kollha fir-relazzjoni preliminari taghha

*In oltre* fid-dawl tal-fatt illi l-esponenti u l-ko-imputat Cutajar kellhom relazzjoni ta' affinita' u kienu jiltaqghu b' mod regolari stante li Cutajar mizzewweg lil oht l-esponenti Degiorgio, l-esponenti seta' facilment mess tali borza li fuqha nstabet l-impronta tieghu u sussegwentament l-istess borza ntuzat minn persuna ohra sabiex jinhbew xi flus gewwa fiha.

Ghaldaqstant a bazi tas-su espost kollu, kif ukoll fid-dawl tal-massima legali *in dubio pro reo,* fl-umli fehma tal-esponenti, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati tar-reat ta' ricetazzjoni a bazi tal-uniku indizzju cirkostanzjali ekwivoku prodott mill-Prosekuzzjoni u allura kellha tilliberah anke minn din l-imputazzjoni.

Semghet trattazzjoni,

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju intentat mill-appellant huwa wiehed ta' indoli legali billi jikkontendi illi l-elementi legali li isawwru ir-reat ta' ricetazzjoni lilu imputat ma jikkonfigurawx mill-atti tal-kawza u dan ghal diversi ragunijiet fosthom illi ma hemmx prova illi l-flejjes misjuba mill-pulizija fir-residenza ta'l-ko-imputat Mario Cutajar kienu l-istess flejjes misruqa fil-*hold up* li sar fuq il-vann tal-"Group 4" u *di piu'* illi jekk dan kien il-kaz kellu jigi ippruvat illi fil-mument illi l-appellant laqgha fil-

pussess tieghu dawn il-flejjes huwa kien konsapevoli li dawn kienu gejjien mill-kummissjoni tar-reat.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali piuttost voluminuzi u irriskontrat difett procedurali li jidher li sfugga kemm lill-Ewwel Qorti, kif ukoll lill-Prosekuzzjoni u lill-appellant. Illi minn qari tac-citazzjoni jirrizulta illi dan l-process penali gie istitwit kontra tlieta minn nies u cioe' Emanuel Formosa, li kien il-persuna impjegat mad-ditta tal-"Group 4" u kien is-sewwieq tal-vann meta sehh il-*hold-up*, l-appellant akkuzat li kien komplici f'din is-serqa, u Mario Cutajar, li ghalkemm ma kienx involut fil-kummissjoni tar-reat ta' serq, madanakollu kien dik il-persuna li fir-residenza tieghu, u precisament taht is-sodda, instabu l-flejjes li allegatament gew misruqa. Fuq wahda mill-boroz fejn kienu mizmuma dawn il-flejjes instabet impronti digitali wahda appartenenti lill-appellant.

Issa minn ezami tal-*iter* processwali ghandu jirrizulta illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu wasslu sabiex l-appellant jigi implikat fil-kummissjoni tal-*hold-up*. Madanakollu fid-decizjoni taghha, l-Ewwel Qorti wasslet ghal konkluzjoni illi kemm mill-provi migbura fl-*in genere*, kif ukoll tul il-kumpilazzjoni ma kien hemm ebda prova li holqot ness bejn is-serqa u l-appellant ghajr ghall-impronti digitali imsemmija li madanakollu ma instabitx fuq ix-xena tar-reat izda biss xi jiem wara fil-lok fejn giet misjuba ir-*res furtiva*. Dawn il-fatti probatorji, ghalhekk x'aktarx wasslu lill-Avukat Generali sabiex fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju mibghuta lill-Qorti tal-Magistrati fit-termini tal-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali jimputa fil-konfront tal-appellant l-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar ir-reat tar-ricettazzjoni, fost l-artikoli l-ohra marbuta mar-reati tas-serq aggravat, sekwestru tal-persuna, hsara volontarja fost ohrajn, liema reati kienu gew indikati originarjament fic-citazzjoni. Mhux l-istess madanakollu jista' jinghad ghar-reat ta' ricettazzjoni. Dan ghaliex meta inharrget l-akkuza u t-tlett imputati tressqu il-Qorti taht arrest, wara li gew elenkati d-disgha akkuzi lilhom imputati, li l-ebda wahda ma titkellem dwar ir-reat tar-ricettazzjoni, isewgu dawk l-akkuzi partikolari ghal xi wiehed minnhom fejn l-ahhar zewg akkuzi jaqraw hekk:

"Lil **<u>Mario Cutajar wahdu</u>** akkuzat talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi bhal ufficjal jew impjegat pubbliku kkometta reat liema reat kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

**<u>Kif ukoll</u>** talli fil-5 ta' Novembru, 2000 u fix-xhur ta' qabel, **<u>xjentement laqa' ghandu jew xtara</u>** hwejjeg li gew mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentement b' kull mod li jkun **<u>indahal biex ibieghom jew imexxiehom</u>**;" (sottolinjar u emfazi tal-Qorti)

Dan ma jistax hlief ifisser allura illi l-akkuza tar-ricettazzjoni fic-citazzjoni giet imputata biss lil Mario Cutajar u mhux ukoll lit-tnejn l-ohra fejn l-akkuzi addebitati lilhom lkoll, inkluz allura lill-appellant Degiorgio, jitkellmu dwar is-serq aggravat referibbli ghal *hold-up*, is-sekwestru tal-persuna, il-pussess tal-arma tan-nar waqt il-kummissjoni tad-delitt, serq ta' vetturi u ir-reat tal-hsara volontarja.

Illi ciononstante l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ghogbu jimputa lit-tlett akkuzati bir-reat tar-ricettazzjoni meta kien evidenti mill-bidunett illi l-kumpilazzjoni dwar dan ir-reat kellha issir biss fil-konfront ta' Mario Cutajar.

**"... l-iskop ewlieni tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja huwa precizament sabiex wiehed jaghmel process istruttorju fejn, in segwitu ghall-fatt li <u>persuna titressaq il-Qorti mixlija li tkun wettqet reat li jezorbita l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati</u>, jibdew jingabru l-provi, kemm dawk favur, kemm dawk kontra tal-persuna imputata sabiex eventwalment l-Avukat Generali ikun f'posizzjoni jiddetermina jekk jakkuzax lil dik il-persuna bil-kommissjoni ta' reati quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali/Qorti Kriminali.[32]"**

**"Izda meta l-Avukat Generali jiddeciedi li jipprocedi fit-termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali billi rrinvija l-atti ghall-gudizzju mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. <u>Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skont l-artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni</u>; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz ta' l-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. .... Issa, fil-kaz in dizamina, l-**

[32] App.Inf Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri – 18/04/2012

**Avukat Generali rrinvija mhux skont l-Artikolu 433(5) izda skont l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`.[33]" ".... Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti mill-Avukat Generali, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz.[34] "**

Illi sahansitra d-dicitura tal-artikolu 370 jindika illi l-Avukat Generali jista' fid-diskrezzjoni tieghu jiddeciedi li l-kaz ghandu jigi deciz mill-qorti inferjuri u dan meta persuna tkun giet akkuzata b'reat li igorr piena bejn sentejn u (illum bl-emendi il-godda) tnax-il sena prigunerija, b'dan ghalhekk illi huwa evidenti illi ir-rinviju ghandu ikun marbut mal-akkuza u mhux ma reati ohra mhux addebitati lill-persuna akkuzata.

Illi allura, ghalkemm l-appellant ma iqanqalx aggravju marbut ma' dan il-punt ta' dritt procedurali, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi qatt ma setghet tinstab htija ghal reat li dwaru ma kenitx saret il-kumpilazzjoni u dan billi l-appellant qatt ma gie akkuzat bir-reat tar-ricettazzjoni, liema reat gie addebitat unikament lill-ko-akkuzat Mario Cutajar. L-Avukat Generali ma setax bir-rinviju mibghut lill-Qorti tal-Magistrati fit-termini tal-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali izid reat fil-konfront tal-appellant li dwaru huwa qatt ma gie akkuzat u li kwindi dwaru qatt ma saret il-kumpilazzjoni, ghalkemm dan huwa reat alternattiv ghal dak tas-serq. Dan ghaliex kif gie deciz fl-appell il-Pulizija vs Filippa Fenech:

*" ....eppure r-ricettazzjoni hija delitt mhux ta' komplicita fis-serq, imma delitt ghalih.[35]"*

Illi maghmula din l-osservazzjoni, il-Qorti xortawahda ser tghaddi biex tezamina l-aggravji imressqa 'il quddiem mill-appellant b'dik ewlenija marbuta mas-sejbien ta' htija ghar-reat ta' ricettazzjoni, li kif inghad, ghalkemm indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tieghu, madanakollu qatt ma gie addebitat lill-appellant fl-akkuza mahruga fil-konfront tieghu.

---

[33] Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Michael Carter deċiż fis-7 ta' Diċembru 2001

[34] App.Inf Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri – 18/04/2012

[35] Deciza 18/05/1937

Illi ghalkemm minn ezami tal-atti jirrizulta illi l-appellant kien gie implikat fil-*hold up* mertu ta' dawn il-proceduri penali mill-ko-akkuzati tieghu u dan kif johrog mill-istqarrijiet minnhom rilaxxjati lill-pulizija, madanakollu mhux biss dawn l-istqarrijiet wara l-izviluppi gurisprudenjzali u legali marbuta mal-validita' taghhom meta mehuda minghajr l-assistenza legali, ma baqghux jitqiesu bhala prova ammissibbli in atti, izda u fuq kollox, din il-konfessjoni maghmula mill-ko-akkuzati f'dawn l-istess stqarrijiet ma setghet qatt tikkostitwixxi prova ammissibbli fil-konfront tal-appellant u dan diment illi l-proceduri taghhom baqghu *sub iudice*, kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz, billi l-proceduri fil-konfront ta' dawn it-tlieta minn nies kien wiehed u uniku. Illi l-Ewwel Qorti ghalhekk gustament skartat dawn l-istqarrijiet bhala prova fil-konfront ta'l-imputati kollha fejn allura huma ma setghu qatt jitqiesu bhala xhieda kompetenti fil-konfront ta' xulxin. Dan ghaliex il-ko-imputat mhuwiex xhud kompetenti fil-konfront tal-ko-imputati l-ohra, hlief fic-cirkostanza imsemmija fl-artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali, liema disposizzjoni tal-ligi ma issibx applikazzjoni f'dan il-kaz.

Illi l-artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> **"Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra.**

Illi fid-decizjoni moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Saada Sammut et deciza fis- 16 ta' Novembru 2006, din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta qalet hekk:

> **"Fil-waqt li l-Ewwel Qorti kienet korretta legalment meta qalet li ma tistax tqis l-istqarrija ta' kull wiehed miz-zewg ko-imputati kontra xulxin a tenur tal-Artikolu 661 fuq citat u ghamlet sew meta ghamlet hekk, kienet skorretta meta qalet jew implikat li setghet tqis ix-xhieda tal-ko-imputat kontra l-ko-imputata l-ohra, l-appellanti odjerna, jekk ikollha "cirkostanzi ohra li jservu ta' provi biex jikkorroboraw dak li qal l-imputat" cioé ko-imputat.**
>
> **Illi l-pozizzjoni korretta hija li jghidu x' jghidu ko-imputati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bhala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkuzat/i iehor jew ohrajn. Din ir-regola giet sahansitra interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati lanqas ma jkunu producibbli kontra xulxin, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament."**

Jifdal ghalhekk bhala l-unika prova in atti l-impronti digitali tal-appellant, Dokument PGFP6, li fil-fehma tal-espert Philip Gilhooley kien jaqbel mal-impronti digitali elevat u immarkat bhala Dokument 00CZESG01, li gie misjub fuq basket tal-plastik ahmar u abjad bil-kliem fuqu "Tip Toes Shoe stores" li go fih instabu parti mill-flus li allegatament gew misruqa fil-*hold-up* u li kienu mohbija fir-residenza ta' Mario Cutajar gewwa Birzebbugia. Fl-istqarrija tieghu Cutajar ighid li dawn il-basktijiet ghaddiehomlu l-appellant u li hu kien jaf li dawn kienu il-flus li gew misruqa fid-delitt mertu ta' dan il-kaz. Din il-konfessjoni izda ma tiswiex fil-konfront tal-appellant u ma taghmel l-ebda prova kontrih u ghandha tigi skartata, gjaldarba l-Prosekuzzjoni ghogobha tixli lil Cutajar fl-istess proceduri mal-appellant minflok stenniet biex tikseb kundanna fil-konfront ta' dan Cutajar li imbaghad kien isir xhud kompetenti fil-process penali kontra l-appellant. Dan izda ma sehhx bil-konsegwenza illi din il-prova determinanti, fil-fehma tal-Qorti, intilfet.

Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha kienet sufficjenti sabiex twassal lill-Ewwel Qorti ghal konvinciment morali illi l-appellant kellu f'xi zmien wara li sehh il-*hold-up* il-pussess tar-*res furtiva*, kollha jew parti minnha? U dan l-impronti digitali wahdu seta' iwassalHa allura ghal konkluzjoni illi jekk verament meta kellu dak il-pussess huwa kien konsapevoli illi l-istess kienu provenjenti minn dan id-delitt? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn tal-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta'l-imputat.

Illi skartati bhala prova dak dikjarat mill-ko-akkuzati l-ohra fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati billi huma inammissibbli skont il-ligi u dan stante illi l-kaz taghhom kien ghadu *sub-iudice* sal-mument fejn sar il-gudizzju fil-konfront tal-appellant, ma setax jinholoq ness bejn is-serqa li saret tal-flus u l-appellant billi ma hemm l-ebda prova in atti li torbtu mal-kummissjoni ta' dan ir-reat. Dan ghaliex ma hemmx l-icken prova li tpoggi lill-persuna tal-appellant fuq ix-xena tar-reat fl-ghodwa tas-26 ta' Ottubru tas-sena 2000. Illi allura gustament l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija fl-appellant ghall-involviment tieghu f'dan id-delitt.

Illi huwa fatt ippruvat, izda, illi instab ammont konsiderevoli ta' flus fir-residenza tal-ko-akkuzat Mario Cutajar. Dawn kienu mohbija taht saqqu ta' sodda marbuta f'boroz ta' plastik, kutri u skufji. Kien biss fuq wiehed mill-basktijiet u precisament dak ta' lewn ahmar u abjad tal-plastik bil-kliem fuqu "Tip Toes Shoe Store" li instabet impronti digitali wahda li qabblet mas-subgha l-ohxon tal-id ix-xellugija tal-appellant. L-appellant, kif kellu kull dritt li jaghmel skont il-ligi ma joffriex ix-xiehda tieghu. Abbazi ta' din il-prova indizjarja l-Ewwel Qorti sabet htija ghar-reat ta' ricetazzjoni billi fil-fehma taghha dak il-*finger print* kien jixhed il-fatt illi f'xi hin l-appellant zgur mess dak il-basket fejn kien hemm il-flus.

Illi ghalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni illi l-appellant f'xi zmien kien mess b'idejh il-basket tal-plastik ta' lewn ahmar u abjad bil-kliem fuqu "Tip Toes Shoe Store", madanakollu dan ma ifissirx per konsegwenza illi huwa qabad ukoll il-flus b'idejh. Dan ghaliex ma huwiex possibbli fl-ewwel lok li jigi stabbilit iz-zmien meta il-basket intmess mill-appellant, jekk hux qabel il-kummissjoni tad-delitt tas-serq tal-flus jew wara. Lanqas jista' jigi stabbilit jekk meta intmess dak il-basket dan kienx diga' mimli bil-flus *o meno.* Dan ghaliex il-provi li hemm fl-atti jindikaw illi meta il-flus inhargu mill-bank HSBC u tpoggew fil-vann tal-"Group 4", dawn kienu ippakkeggjati b'mod differenti u mhux fil-basket tal-plastik l-ahmar bil-kliem "Tip Toes". Tghid hekk Marisa Scerri li xehdet in rapprezentanza tal-bank derubat:

> **"il-flus jigu mpoggija f'boroz appoziti bl-ittri HSBC liema ittri jsiru permezz tal-kitba taghna. Fuq il-boroz ikun hemm immarkat it-tip ta' munita u cioe' ta' liema pajjiz tkun l-ammont. Dawn il-boroz jitpoggew f'boroz ohra li allura ma jkollha l-ebda indikazzjoni, nissiggilawhom b'tag tal-Group 4 …. u jkunu issiggillati b'comba."**

Tghid imbaghad illi dawn is-sigilli jigi ittimbrat minn rapprezentanti tad-Dwana[36].

[36] Xhieda Volum 1 a fol. 126 et seq.

Meta imbaghad jixhed Saviour Galea li kien il-persuna impjegat mal-"Group 4", li flimkien mal-imputat Emanuel Formosa, kellu ir-responsabbilta` tal-garr ta' dawn il-flejjes huwa jiddeskrivi dawn il-boroz bhala "boroz ta' kulur abjad issigillati.[37]".

Illi allura l-provi li hemm fl-atti jindikaw illi meta instab il-basket tal-plastik l-ahmar bil-flus fih, ma jidhirx illi dan kien l-istess tip ta' basket uzat mill-bank ghaz-zamma tal-flus biex jigu trasportati. Lanqas ma hemm prova fl-atti illi dawk l-istess flus inharrgu minn dawn il-basktijiet u tpoggew mill-malviventi jew il-komplici taghhom wara li insterqu gewwa dan il-basket ahmar. Kif ma hemmx prova dwar il-provenjenza ta' dan il-basket u jekk dan kienx fil-pussess tal-appellant qabel jew wara s-serqa. Dan ifisser illi il-katina tal-evidenza marbuta ma' dan l-impronti digitali ghandha holqa nieqsa. Illi l-Qorti tista' tasal ghal diversi supposizzjonijiet marbuta mal-presenza tal-*fingerprint* tal-appellant fuq dan il-baskett tal-plastik, izda dawn jibqghu kongetturi u jieqfu ferm 'il boghod mic-certezza morali li trid il-ligi ghal fini ta' reita'. Dan fin-nuqqas ta' provi ohra kemm diretti kif ukoll indizzjarji li jistghu jindikaw l-involviment tal-appellant f'xi stadju tal-kummissjoni ta' dan il-hold-up.

Issa fir-reat tar-ricettazzjoni *"l'incriminazione mira ad impedire che, verificatosi un delitto, persone diverse da coloro che lo hanno commesso o sono concorsi a commetterlo si interessino delle cose proveniente dal delitto medesimo per trarne vantaggio.*[38]"

Minn din id-definizzjoni semplici li ighaddielna l-Antolisei johorgu zewg elementi essenzjali mehtiega sabiex jissussisti dan ir-reat u cioe' fl-ewwel lok irid necessarjament ikun sehh delitt. Fit-tieni lok imbaghad terzi persuni estranji ghad-delitt xjentement jakkwistaw jew jigu fil-pussess ta' l-oggetti derivanti minn dak id-delitt u dan dejjem bl-iskop li jiksbu xi vantagg. Ikompli hekk l-Anolisei:

> ***"L'intervento di tali persone e' dannoso socialmente perche porta alla dispersione delle cose di provenienza delittuosa e ne rende piu' difficle il ricupero, consolidando in tal modo il pregudizio subito dalla vittima."***

---

[37] Xhieda Volum 1 a fol. 119

[38] Antolisei – Manuale di Diritto Penale (Parte Speciale I):

Dwar l-ewwel element jispjega:

> ***"Poiche oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro, o, in genere, cose di provenienza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe' che un altro reato sia stato commesso..... ...... La condanna per ricettazione non puo' aver luogo, se prima non e' stato riconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore."***

Imbaghad dwar id-dolo mehtieg ighid hekk:

> ***"per l-esistenza del dolo si richiede anzittutto la volonta di acquistare, ricevere, occultare, intromettersi. Occorre inoltre la consapevolezza della provenienza delittuosa del denaro o delle altre cose acquistate ecc. Tale consapevolezza secondo le regole generali deve ritenersi sussistente anche se nella mente del reo si sia affacciato il dubbio della provenienza delittuosa, ma, nonostante cio', egli abbia agito accettando il rishio di incorrere nelle sanzioni della legge. ...... Oltre alla volonta e alla consapevolezza di cui abbiamo parlato, e' indispensabile il fine di procurare a se' o ad altri un profitto."***

Issa kif inghad sabiex jissussiti r-reat tar-ricettazzjoni jenhtieg li jigu ippruvati l-elementi kollha li isawwruh. Dan ifisser illi fl-ewwel lok irid jigi ippruvat li sehh delitt, imbaghad illi l-oggetti formanti parti mill-investigazzjoni jkunu provenjenti minn dak id-delitt. Wara dan jenhtieg ghal Prosekuzzjoni tipprova illi dawk l-oggetti kienu fil-pussess tal-persuna akkuzata bir-reat ta' ricettazzjoni anke jekk ghal xi zmien qasir, izda fuq kollox illi meta kien hemm dak il-pussess, dan kien abbinat max-xjenza illi l-oggett kien derivanti minn delitt. Finalment imbaghad l-element tal-qliegh minn dak il-pussess jew akkwist fil-persuna tar-ricettatur irid jigi ippruvat.

Illi l-ezercizzju li kellu isir mill-Ewwel Qorti allura kien illi tistabbilixxi jekk l-unika prova indizzjarja li kien hemm fl-atti, kenitx tipponta b'univocita' lejn dawn l-elementi kollha. Huwa minnu illi l-appellant ma jaghtix spjega dwar kif dak l-impronti digitali spicca fuq il-basket li fih instabu l-flus, madanakollu huwa kellu d-dritt ghas-silenzju iktar u iktar ghaliex il-prova, fil-fehma ta' din il-Qorti ma kenitx tipponta f'direzzjoni wahda. Dan ghaliex ghalkemm bis-sejbien ta' dak il-*fingerprint* inkriminatorju kien evidenti li l-basket l-ahmar bil-kliem "Tip Toes" intmess mill-appellant, dan ma ifissirx, kif inghad, illi meta intmess minnu dan necessarjament kellu l-flus fih. Lanqas

ma ifisser illi dan il-basket intmess minnu biss meta tqieghdu il-flus go fih u li allura huwa f'xi hin kellu fil-pussess tieghu dawk il-flejjes.

> *"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat[39]."*

Illi allura maghmula din l-esposizzjoni tal-fatti probatorji u abbinati mat-taghlim gurisprudenzjali, mehud in konsiderazzjoni ukoll id-difett procedurali rizultanti mill-atti tal-kawza, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u l-kundanna maghmula fil-konfront tal-appellant ghar-reat ta' ricettazzjoni.

Illi fid-dawl ta'dawn il-konkluzjonijiet din il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-aggravvji l-ohra sollevati mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi, l-appell tal-imputat Alfred Degiorgio qed jigi milqugh, il-Qorti ghalhekk tghaddi biex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza tar-ricettazzjoni, u fejn huwa gie ikkundannata ghal perijodu ta' sentejn prigunerija, li gie sospiz ghal zmien erba' snin u fejn huwa gie ikkundannat ihallas l-ispejjez peritali marbuta mal-kaz, u tikkonfermaha fil-bqija. Tghaddi ghalhekk biex tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

(ft) Imhallef
Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[39] l-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri